MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Numru 391/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR WALTER SPITERI**

**VS**

**SAMUEL BROWN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Samuel Brown ta' 41 sena, bin Henry u Giovanna nee' Bugeja, imwieled Bormla nhar il-15 ta' Novembru, 1962 u residenti fil-fond numru 16, Triq Hanover, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 685 362 (M);

Akkuzat talli f'Safi Barracks, nhar it-13 ta' April, 2004, bhala ufficjal pubbliku, ikkommetta is-sussegwenti reati kriminali, meta kien fid-dmir biex dawn ir-reati ma jsirux, jew li minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir li jimpedixxi

milli jsiru, ikkommetta serq ta’ madwar Lm1,600.00 fi flus u cekkijiet minn go vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JOS 606, ghad-detriment ta’ Joshua Grima, liema serq hu kwalifikat bl-ammont li jeccedi l-elf lira maltin, mezz u xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess jum u hin, f’Safi Barracks, volontarjament ghamel hsara jew gharraq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JOS 606, liema hsara ma teccedix il-Lm500.00, izda inqas minn elf lira maltin;

U kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu affarijiet misruqa jew akkwistati b’reat u indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat li din l-ahhar akkuza ta’ ricetazzjoni inghatat bhala alternettiva ghal akkuzi kollha, u ghaldaqstant qiegheda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri tal-proceduri, wara li taghtu z-zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-istess ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet il-partijiet jittrattaw il-piena;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 271, 278, 279, 280 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni, din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Samuel Brown hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija, sospiza ghal sentejn (2).

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------